# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-10 ta' Novembru 2022**

**Rikors Numru : 151/2022JPG**

**Kawza Numru : 18**

**OD**

**vs**

**CC**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' **OD**, datat 18 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu gewwa K fl-U fis-6 ta' Jannar 2006 u dana skond kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok A);*

*Illi sussegwentament il-kontendenti sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt data 11 ta' April 2013 in atti tan-Nutar Rachel Mallia (Dok B);*

*Illi ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardjaw manteniment fil-konfront ta' xulxin personalment;*

*Illi l-esponenti jixtieq li jikseb id-divorzji mill-intimata, u ghalhekk inbdew dawn il-*

*proceduri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tipprenunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti u dana ai termini tal-artikolu 66A et seq tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta w taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni fic-cirkostanzi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 5 t'Ottubru 2022 li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata ma topponix it-talba sabiex dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u taqbel ma dak kollu iddikjarat fir-rikors tar-rikorrenti u fl-affidavit tieghu.*
2. *Illi r-rikorrenti dejjem onora l-obbligi tieghu skond il-kuntratt datat 11 ta' April 2013 fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Mallia.*
3. *Illi ma tezisti ebda possibilita ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemmx pendenzi bejniethom li jirrigwardaw manteniment fil-konfront ta' xuxin personalment.*
4. *Illi l-intimata tiddikjara illi ma ghandhomx provi ulterjuri x'jipproducu u b'hekk din l-Onorabbli Qorti tista' tghaddi ghas-sentenza finali u dan dejjem salv kull ordni u provvediment iehor li jidrilha iktar xieraq u oportun.*

*Ghaldaqstant l-intimata titlob illli t-talba tar-rikorrenti tigi milqugha u dan taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li jidrilha xierqa u opportuni.*

Rat il-verbal tal-10 t'Ottubru 2022 li permezz tieghu l-attur iddikjara li ma ghandux aktar provi x'jipproduci, filwaqt li l-intimata ddikjarat li ma ghandhiex provi ulterjuri x'tipproduci u stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 19);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit fol 9) illi l-partijiet zzewgu gewwa K fil-U nhar is-6 ta' Jannar 2006 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Jghid li sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fil-11 t'April 2013 fl-atti tan-Nutar Rachel Mallia. Jiddikjara li ma hemmx manteniment dovut. Jikkonferma illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**L-intimata xehdet** (Vide Fol 19) u kkorroborat ma dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Jannar 2006, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1-BK No 021094 (vide Fol 2), certifikat taz-zwieg, a fol 2; u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni nhar il-11 t'April 2013 fl-atti tan-Nutar Rachel Mallia (a fol 3 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet issodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1-BK No 021094 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex isiru l-annotazzjonijiet necessarji fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**